PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/0135(CNS)

9.1.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward ta' ġurisidizzjoni u introduzzjoni ta' regoli dwar liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali </Titre>
(COM(2006)0399 – C6-0305/2006 – 2006/0135(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Evelyne Gebhardt

Rapporteur għal opinjoni (*) : Carlo Casini, Kumitat għall-Affarijiet Legali

(*) Kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPOSÉ DES MOTIFS .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolamentle (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward ta' ġurisidizzjoni u introduzzjoni ta' regoli dwar liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali </Titre>
(COM(2006)0399 – C6-0305/2006 – 2006/0135(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0399),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 61 (c) u l-Artikolu 67 (1) tat-Trattat KE, skond liema huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0305/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi mill-Parlament

Emenda 1
PREMESSA 6A (ġdida)

	(6a) Il-possibiltà li tintagħżel il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni fiżika m'għandhiex tippreġudika l-interess tat-tfal.

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 12 u 13 tar-Regolament Nru 2201/2003 japplikaw ukoll għall-għażla tal-ġurisdizzjoni. Huwa għalhekk essenzjali li l-interessi tat-tfal jittieħed kont tagħhom.

Emenda 2
PREMESSA 6B (ġdida)

(6b) Qabel ma jiġu magħżula l-ġurisdizzjoni kompetenti u l-liġi applikabbli, huwa importanti li l-miżżewġin ikollhom aċċess għal informazzjoni aġġornata fir-rigward ta' l-aspetti essenzjali tal-liġi nazzjonali u Komunitarja u l-proċeduri fil-qasam tad-divorzju u tas-separazzjoni fiżika. Sabiex jiġi garantit dan l-aċċess għall-informazzjoni ta' kwalità adegwata, il-Kummissjoni għandha taġġorna b'mod regolari l-informazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni pubblika bbażata fl-Internet u maħluqa b'Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali[1].

[1] ĠU L 174 tas-27.6.2001, p. 25.

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li l-għażla li jagħmlu l-partijiet tkun għażla infurmata, jiġifieri li l-konjuġi jkunu ġew infurmati kif meħtieġ dwar ir-riperkussjonijiet konkreti marbuta ma' l-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jkun żgurat bl-aħjar mod li l-informazzjoni kompluta u affidabbli tiġi kkomunikata lill-firmatarji tal-konvenzjoni attribwita għall-ġurisdizzjoni qabel l-iffirmar ta' l-att.

Emenda 3
PREMESSA 6C (ġdida)

(6c) Il-possibiltà li l-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli jintagħżlu bi ftehim reċiproku m'għandhiex tippreġudika d-drittijiet u l-ugwaljanza ta' l-opportunitajiet għaż-żewġ konjugi. F'dan ir-rigward, l-imħallfin nazzjonali għandhom ikunu konxji mill-importanza ta' għażla

infurmata taż-żewġ konjugi fir-rigward tal-konsegwenzi legali tal-ftehima milħuqa.

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li l-għażla li jagħmlu l-partijiet tkun għażla infurmata, jiġifieri li l-konjuġi jkunu ġew infurmati kif meħtieġ dwar ir-riperkussjonijiet konkreti marbuta ma' l-għażla tagħhom. L-awtoritajiet kollha għandhom jiżguraw li ż-żewġ konjugi jkunu konxji mill-konsegwenzi tal-ftehima tagħhom.

Emenda 4
PREMESSA 7A (ġdida)

(7a) It-tifsira tat-terminu "residenza abitwali" għandha tiġi interpretata skond l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Hija għandha tiġi determinata mill-imħallef skond il-każ fuq bażi fattwali. Dan it-terminu ma jirreferix għal kunċett ta' "residenza abitwali" skond il-liġi nazzjonali, iżda għal kunċett awtonomu tal-liġi Komunitarja.

Emenda 5
PREMESSA 9A (ġdida)

(9a) Il-kunsens infurmat taż-żewġ konjugi huwa prinċipju essenzjali ta' dan ir-Regolament. Kull imsieħeb tal-koppja għandu jkun jaf eżattament x'inhuma l-konsegwenzi ġuridiċi u soċjali ta' l-għażla tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli.

Ġustifikazzjoni

Huwa possibbli li r-regola dwar il-kunflitt bejn il-liġijiet tagħżel liġi ta' Stat Membru ieħor. F'dan il-każ, l-imħallef għandu japplika l-liġi barranija, u dan jista' joħloq problemi lill-ġurisdizzjonijiet magħżula. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-imħallef ikun jista' jikkonsulta servizzi adegwati.

Emenda 6
ARTIKOLU 1, PUNT 1)
Titolu (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

1) It-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:	1) It-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:
"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward ta' ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u fil-kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri kif ukoll dwar il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet ***matrimonjali***"	"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward ta' ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u fil-kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri kif ukoll dwar il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet ***ta' divorzju u ta' separazzjoni fiżika***".

Emenda 7
ARTIKOLU 1, PUNT 2)
Artikolu 3a (1) (a) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(a) ***kull kompetenza mniżżla f'*** Artikolu 3 ***japplika***, jew	(a) ***fil-mument meta l-ftehima tiġi konkluża, il-ġurisdizzjoni ta' l-Istat Membru msemmi hija kompetenti skond*** l-Artikolu 3, jew;

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 8
ARTIKOLU 1, PUNT 2)
Artikolu 3a (1) (b) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(b) ikun il-post ta' l-***aħħar*** residenza abitwali ***komuni*** tal-konjuġi ***għal*** mill-inqas tliet snin, jew	(b) ***fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehima***, dan huwa ***l-Istat Membru*** tar-residenza abitwali tal-konjugi ***sa*** mill-inqas tliet snin***, bil-kundizzjoni li din is-sitwazzjoni ma ntemmitx iktar minn tliet snin qabel ma l-qorti tingħata l-ġurisdizzjoni,*** jew;

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 9
ARTIKOLU 1, PUNT 2)
Artikolu 3a (1) (c) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(c) wieħed mil-konjuġi huwa/hija ċittadin ta' Stat Membru, jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha "id-domiċilju" fit-territorju f'wieħed minn dawn l-aħħar Stati Membri.	(c) ***fil-mument meta ġiet konkluża l-ftehima,*** wieħed mil-konjuġi huwa/hija ċittadin ta' Stat Membru, jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha "id-domiċilju" fit-territorju f'wieħed minn dawn l-aħħar Stati Membri.

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 10
ARTIKOLU 1, PUNT 2)
Artikolu 3a (2) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

2. Ftehim li jagħti ġuriżdizzjoni ser ikun espress bil-miktub u ffirmat miż-żewġ konjuġi sa mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata pussess.	2. Ftehim li jagħti ġuriżdizzjoni ser ikun espress bil-miktub, ***datata*** u ffirmat miż-żewġ konjuġi sa mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata pussess. ***Madankollu, jekk il-liġi ta' l-Istat Membru li fih wieħed mill-konjugi għandu r-residenza abitwali tiegħa/tagħha fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehima tipprevedi esiġenzi formali ulterjuri għal ftehimiet bħal dawn, dawn l-esiġenzi għandhom jiġu sodisfatti. Jekk il-konjugi għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stati Membri differenti, li l-liġijiet rispettivi tagħhom jipprevedu esiġenzi formali ulterjuri, il-ftehima hija valida jekk tissodisfa l-esiġenzi ta' waħda minn dawn il-liġijiet.*** ***Jekk il-ftehima hija parti minn kuntratt ta' żwieġ, l-esiġenzi formali ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ għandhom jiġu sodisfatti.***

Ġustifikazzjoni

Din hija kjarifika għas-sitwazzjonijiet fejn il-liġi nazzjonali jew il-kuntratt taż-żwieġ jipprevedu esiġenzi iktar iebsa mir-Regolament.

Emenda 11
ARTIKOLU 1, PUNT 3)
Artikoli 4 u 5 (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

3) Fl-Artikoli 4 u 5, it-termini “Artikolu 3” tbiddlu mat-termini “Artikoli 3 ***u*** 3a”.”	3) Fl-Artikoli 4 u 5, it-termini “Artikolu 3” tbiddlu mat-termini “Artikoli 3***,*** 3a ***u 7***”.

Emenda 12
ARTIKOLU 1, PUNT 5)
Artikolu 7, punt a) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(a) il-konjugi għandhom ir-residenza abitwali ***komuni preċedenti*** tagħhom fit-territorju ta' l-Istat Membru msemmi matul mill-inqas tliet snin, jew;	(a) il-konjugi ***preċedentement*** kellhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju ta' l-Istat Membru msemmi matul mill-inqas tliet snin, ***bil-kundizzjoni li dan il-perjodu ma seħħx iktar minn tliet snin qabel ma l-qorti tingħata l-ġurisdizzjoni,*** jew;

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi evitat il-"Forum shopping".

Emenda 13
ARTIKOLU 1, PUNT 5)
Artikolu 7a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

	Artikolu 7a ***Forum necessitatis*** ***Meta l-ġurisdizzjoni kompetenti skond dan ir-Regolament tinsab fi Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tipprevedix id-divorzju jew ma tirrikonoxxix l-eżistenza jew il-validità taż-żwieġ in kwistjoni, il-ġurisdizzjoni tingħata:*** ***a) lill-Istat Membru tan-nazzjonalità ta' wieħed mill-konjugi; jew*** ***b) lill-Istat Membru li fih ġie ċċelebrat iż-żwieġ.***

Ġustifikazzjoni

L-emenda tirregola s-sitwazzjonijiet li fihom, skond il-kriterji ta' l-Artikoli 3, 3a u 7 tar-Regolament, il-ġurisdizzjoni mogħtija ma tipprevedix id-divorzju jew ma tirrikonoxxix l-eżistenza jew il-validità taż-żwieġ in kwistjoni.

Emenda 14
ARTIKOLU 1, PUNT 6)

Artikolu 12 (1) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

6) Fl-Artikolu 12 (1), it-termini "Artikolu 3" tbiddlu mat-termini "Artikoli 3 ***u*** 3a".	6) Fl-Artikolu 12 (1), it-termini "Artikolu 3" tbiddlu mat-termini "Artikoli 3, 3a ***u 7***".

Emenda 15
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a, titolu (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

L-għażla tal-liġi mill-partijiet	*L-għażla tal-liġi **applikabbli** mill-partijiet*

Emenda 16
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (1), punt -a) (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

	-a) il-liġi ta' l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-konjugi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehima;

Ġustifikazzjoni

Jidher li huwa loġiku li dan il-kriterju jkun ukoll inkluż ma' l-oħrajn fl-għażla tal-liġi applikabbli.

Emenda 17
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (1) (a) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(a) il-liġi ta' l-Istat ta' ***l-aħħar*** residenza abitwali ***komuni*** tal-konjugi sakemm wieħed mit-tnejn għadu jgħix fiha;	(a) il-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali tal-konjugi sakemm wieħed mit-tnejn kien għadu jgħix fiha ***fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehima***;

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 18
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (1) (b) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(b) il-liġi ta' l-Istat ta' nazzjonalità ta'	(b) il-liġi ta' l-Istat ta' nazzjonalità ta'

wieħed mill-konjugi jew, fil-każ tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, tar-residenza ta' wieħed mill-konjugi;	wieħed mill-konjugi jew, fil-każ tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, tar-residenza ta' wieħed mill-konjugi ***fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehima***;

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 19
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (1) (c) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(c) il-liġi ta' l-Istat fejn il-konjuġi ***għexu*** għal mill-imqas ***ħames*** snin;	(c) il-liġi ta' l-Istat fejn il-konjuġi ***kellhom preċedentement ir-residenza abitwali tagħhom*** għal mill-inqas ***tliet*** snin;

Ġustifikazzjoni

Jidher ftit arbitrarju li fl-Artikolu 20a (1) (c) u 3a (1) (b) u fl-Artikolu 7 (a) jinsabu kriterji ta' dewmien differenti. Ir-Rapporteur qed jipproponi li d-dewmien kollu jkun ta' tliet snin.

Emenda 20
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (1), punt c a) (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

	c a) il-liġi ta' l-Istat li fih ġie ċċelebrat iż-żwieġ;

Ġustifikazzjoni

Jidher li huwa loġiku li dan il-kriterju jkun ukoll inkluż ma' l-oħrajn fl-għażla tal-liġi applikabbli.

Emenda 21
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (2) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

2. Ftehim li jindika l-liġi applikabbli ser ikun espress bil-miktub u jkun iffirmat miż-żewġ konjuġi sa mhux iktar tard minn meta l-*qorti tingħata l-pussess*.	2. Ftehim li jindika l-liġi applikabbli ser ikun espress bil-miktub u jkun iffirmat miż-żewġ konjuġi sa mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata l-*ġurisdizzjoni*. ***Madankollu, jekk il-liġi ta' l-Istat Membru li fih wieħed mill-konjugi***

	għandu r-residenza abitwali tiegħa/tagħha fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim tipprevedi esiġenzi formali ulterjuri għal ftehimiet bħal dawn, dawn l-esiġenzi għandhom jiġu sodisfatti. Jekk il-konjugi għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stati Membri differenti, li l-liġijiet rispettivi tagħhom jipprevedu esiġenzi formali ulterjuri, il-ftehima hija valida jekk tissodisfa l-esiġenzi ta' waħda minn dawn il-liġijiet.
	Jekk il-ftehima hija parti minn kuntratt ta' żwieġ, l-esiġenzi formali tal-kuntratt taż-żwieġ għandhom jiġu sodisfatti.

Ġustifikazzjoni

Din hija kjarifika għas-sitwazzjonijiet fejn il-liġi nazzjonali jew il-kuntratt taż-żwieġ jipprevedu esiġenzi iktar iebsa mir-Regolament.

Emenda 22
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20a (2a) (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

	2a Jekk il-lex fori tipprevedi dan, il-konjugi jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli quddiem il-qorti matul il-proċedura. F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jingħatalhom att ta' din il-ftehima quddiem il-qorti.

Emenda 23
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20b, punt a) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(a) fejn il-konjuġi għandhom ir-*resdenza* ***komuni*** abitwali, jew fin-nuqqas ta' dan,	(a) fejn il-konjuġi għandhom ir-*residenza* abitwali ***fil-mument meta l-qorti tingħata l-ġurisdizzjoni***, jew, fin-nuqqas ta' dan,

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 24
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20b, punt b) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(b) fejn il-konjuġi kellhom l-***aħħar*** residenza ***komuni*** abitwali sakemm wieħed jew waħda minnhom għadu jgħix hemm, jew fin-nuqqas ta' dan,	(b) fejn il-konjuġi kellhom ir-residenza abitwali sakemm wieħed jew waħda minnhom kien għadu jgħix hemm ***fil-mument meta l-qorti tingħata l-ġurisdizzjoni***, jew fin-nuqqas ta' dan,

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 25
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20b, punt c) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(c) ***ta' fejn*** iż-żewġ konjuġi ***għandhom in-nazzjonalità***, jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, ***it-tnejn li huma għandhom*** id-"domiċilju", jew fin-nuqqas ta' dan,	(c) ***tan-nazzjonalità taż-***żewġ konjugi jew, fil-każ tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, ***tad-***"domiċilju" ***taż-żewġ konjugi fil-mument meta l-qorti tingħata l-ġurisdizzjoni***, jew fin-nuqqas ta' dan,

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jiġi definit il-mument preċiż fejn japplikaw il-kriterji.

Emenda 26
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20b (1) (d) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

(d) fejn tintefa' l-applikazzjoni.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi evitat il-"Forum shopping".

Emenda 27
ARTIKOLU 1, PUNT 7)
Artikolu 20e a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

Artikolu 20e a

Informazzjoni min-naħa ta' l-Istati

Membri

1. Fil- ... l-iktar tard [1], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-regoli nazzjonali tagħhom fir-rigward ta' l-esiġenzi formali li japplikaw għall-ftehimiet rigward l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti u tal-liġi applikabbli u lill-kuntratti taż-żwieġ .

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw kull tibdil ulterjuri f'dawn ir-regoli lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni li ġiet komunikata lilha skond l-ewwel paragrafu permezz ta' miżuri adegwati, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

[1] 3 xhur wara d-data ta' dhul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li l-għażla li jagħmlu l-partijiet tkun għażla infurmata, jiġifieri li l-konjuġi jkunu ġew infurmati kif meħtieġ dwar ir-riperkussjonijiet konkreti marbuta ma' l-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jkun żgurat bl-aħjar mod li l-informazzjoni kompluta u affidabbli tiġi kkomunikata lill-firmatarji tal-konvenzjoni attribwita għall-ġurisdizzjoni qabel l-iffirmar ta' l-att.

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

L-għan ta' din il-proposta għal regolament huwa li jiġi stabbilit qafas ġuridiku ċar u komprensiv li jkopri *kemm* regoli relatati mal-ġurisprudenza, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi rigward kwistjonijiet matrimonjali, *kif ukoll* regoli relatati mal-liġi applikabbli, billi, fuq kollox, jiġi introdott ċertu ammont ta' awtonomija tal-partijiet.

Għalhekk, sal-lum, koppja "internazzjonali" li tixtieq tiddivorzja hija suġġetta għar-regoli tal-ġurisprudenza tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill[1] (imsejjaħ "Brussell II a") li jippermetti lill-konjuġi l-għażla bejn diversi kompetenzi alternattivi. Peress li proċediment ta' divorzju jitressaq quddiem il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, il-liġi applikabbli hija għalhekk determinata fuq il-bażi tar-regoli tal-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat. Madankollu, dawn ir-regoli nazzjonali tal-kunflitt tal-liġijiet huma differenti għal kollox.

It-taħlit flimkien ta' dan in-nuqqas ta' qbil fil-livell tar-regoli nazzjonali tal-kunflitti tal-liġijiet u d-dipożizzjonijiet Komunitarji attwali rigward l-attribuzzjoni tal-ġursiprudenza jista' jiġġenera għadd ta' problemi fil-każ tad-divorzji "internazzjonali". Minbarra n-nuqqas ta' sigurtà ġuridika, li jirriżulta mid-diffikultà għal dawk il-konjuġi biex jiddeterminaw liema liġi se tapplika għall-każ tagħhom[2], se jinħoloq ir-riskju li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala riskju reali, ta' "l-għaġla lejn il-Qorti", espressjoni li tiddeskrivi s-sitwazzjoni fejn il-parti l-iktar infurmata mill-konjuġi se tipprova tagħżel l-ewwel hi l-ġurisdizzjoni li tħares l-iktar l-interessi tagħha. Barra minn hekk, iċ-ċittadini Komunitarji li jirrisjedu f'pajjiż terz jista' jkollhom diffikultajiet sabiex isibu l-ġurisprudenza kompetenti fir-rigward tad-divorzju u sabiex l-Istat ta' l-oriġini rispettiv tagħhom jirrikonoxxi ġudizzju ta' divorzju li jkun għadda pajjiż terz.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tillimita dawn ir-riskji u li timmitiga dawn in-nuqqasijiet, partikolarment billi tintroduċi l-possibiltà għall-partijiet li jagħżlu bi ftehim komuni l-ġurisdizzjoni kompetenti u l-liġi applikabbli.

<u>L-għażla tal-ġurisdizzjoni</u>

L-Artikolu 3*a* jintroduċi l-possibiltà għall-konjuġi li jagħżlu bi ftehim komuni l-ġurisdizzjoni kompetenti fil-proċediment ta' divorzju tagħhom. Bla dubju ta' xejn, dan joffri l-vantaġġ taż-żieda fl-ammont ta' awtonomija tal-partijiet u jippermettilhom li jagħżlu liberament, skond ċerti kriterji ta' rabtiet mill-qrib, il-ġurisdizzjoni li huma għandhom rabtiet sostanzjali magħha. L-ewwelnett, jeħtieġ li jkun żgurat li l-kriterji ta' rabtiet mill-qrib ikunu sodi biżżejjed u fformulati b'mod preċiż, mingħajr ma jkollhom karattru restrittiv bla bżonn. Madankollu, ir-rapporteur qed jipproponi li jiżdied l-Artikolu 7a li jirregola s-sitwazzjonijiet li fihom, skond il-kriterji ta' l-Artikoli 3, 3a u 7, il-ġurisdizzjoni mogħtija ma tipprevedix id-divorzju jew ma tirrikonoxxix l-eżistenza jew il-validità taż-żwieġ in kwistjoni.

<u>L-għażla tal-liġi applikabbli</u>
L-Artikolu 20a jikkostitwixxi innovazzjoni billi għall-ewwel darba, huwa jintroduċi l-

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġursidizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabiltà tal-ġenituri li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ĠU L 338 tat-23.12.2003, p. 1.
[2] Għal iktar dwar dan ara d-dokument SEC (2006) 949 tas-17.7.2006, p. 5

possibiltà għall-konjugi li jagħżlu bi ftehima komuni l-liġi applikabbli fil-proċedura ta' divorzju tagħhom. Sond ir-rapporteur, jidher loġiku li tiġi prevista wkoll il-possibiltà li l-konjugi jagħżlu l-liġi ta' l-Istat ta' residenza abitwali tal-konjugi fejn dawn ikunu jgħixu fil-mument meta jkun ġie konkluż il-ftehim, kif ukoll il-liġi ta' l-Istat li fih ikun ġie ċċelebrat iż-żwieġ.

Minbarra dan, wieħed jista' jkollu xi dubji rigward in-nuqqas ta' qbil bejn l-Artikolu 20a u l-Artikoli 3, 3a u 7 f'termini ta' kriterji ta' dewmien differenti. Skond ir-rapporteur, l-estensjoni tad-dewmien tar-residenza għall-Artikolu 20a tidher bħala arbitrarja. Huwa għalhekk li r-rapporteur qed jipproponi li d-dewmien kollu jsir ta' tliet snin.

L-għażla infurmata

Barra minn hekk, l-għan huwa li l-għażla li jagħmlu l-partijiet tkun għażla infurmata, jiġifieri li l-konjuġi jkunu ġew infurmati kif meħtieġ dwar ir-riperkussjonijiet marbuta ma' l-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jkun żgurat bl-aħjar mod li l-informazzjoni kompluta u affidabbli tiġi kkomunikata lill-firmatarji tal-konvenzjoni attribwita għall-ġurisdizzjoni qabel l-iffirmar ta' l-att. Huwa wkoll importanti li l-aċċess għall-informazzjoni jkun garantit ukoll b'mod indipendenti mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' kull wieħed mill-konjugi. Hawnhekk ta' min jerġa' jinnota l-importanza li tingħata informazzjoni preċiża u kompluta lill-konjuġi rigward il-konsegwenzi ta' l-għażla tagħhom tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli fil-każ ta' divorzju, peress li hemm differenzi konsiderevoli fil-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar diversi punti bħalma huma r-raġunijiet u l-forom tad-divorzju, il-kundizzjonijiet ta' kif jista' jinkiseb divorzju, il-perjodu meħtieġ għas-separazzjoni u aspetti determinanti oħra għall-proċediment. Barra minn hekk, meta jitqies li l-liġi ma tinbidilx, jista' jagħti l-każ li konvenzjoni li tindika l-liġi applikabbli ffirmata fi żmien partikolari ma tibqax tikkorrispondi għall-aspettattivi leġittimi tal-partijiet fil-waqt meta din għandha tipproduċi l-effetti tagħha, peress li l-leġiżlazzjoni ta' l-Istat ikkonċernat sadanittant tkun ġiet emendata.

Ir-rapporteur qed jipproponi li jiġi previst mekkaniżmu fejn il-Kummissjoni tkun responsabbli għas-sistema ta' informazzjoni pubblika bbażata fl-Internet (li taħdem fil-qafas tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali) fejn il-persuni kollha jistgħu jsibu informazzjoni aġġornata rigward l-aspetti essenzjali tal-liġi nazzjonali u Komunitarja. Minbarra dan, huwa essenzjali li l-ġurisdizzjoni li tiġi magħżula tagħti importanza kbira lill-għażla infurmata taż-żewġ konjugi.